**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

**24 ta' Awwissu, 2016**

Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fl-4.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Max Zammit – Sindku
Ronald Portelli – Viċi Sindku
Frank Roe – Kunsillier
Eugenio Muscat – Kunsillier
Louise Cachia Castelletti – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Matthew Dimech – Aġ Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 48.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

48.1.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

## 48.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

48.2.1 Is-Sindku stqarr li l-ħwejjeġ li huwa ser jikkomunika fuqhom llum huma parti min punti oħra tal-aġenda, u għaldaqstant ser jiġu msemmija f'dawn il-punti waqt il-kors tal-laqgħa ta' llum stess.

## 48.3 Rapporti

48.3.1 F Roe – Il-Gala Centre ser jgħamel stabbilment ġdid. Issa, imma, l-applikant irrid ukoll iħaffer taħt it-triq, erbgħa metri il-ġewwa tat-triq fuq kull naħa tal-istabbilment. Ir-residenti jixtiequ li l-Kunsill jiprotesta ma Transport Malta u ma jtihomx li jidħlu taħt it-triq. Il-Kunsill qabel li jimxi mar-rieda tar-residenti.

48.3.2 G Muscat – Biex issir tabella 'Direction' min Triq Antonio Nani għal Triq l-Ambaxxati.

## 48.4 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

48.4.1 Is-Sindku qal li ġejna avviċinati minn resident illi hemm bżonn tiġi irranġata sew il-bankina fi Triq ix-Xatt, quddiem il-garaxxijiet li huwa propjetarju huwa tagħhom.

Is-Sindku qal li huwa infurmat illi dan l-ilment sar peress li l-propretarju tal-garaxxijiet irid jaqleb dawn il-garaxxijiet f'uffiċini. Il-Kunsill qabel li jekk ser jgħamel id-drenaġġ ġdid f'dawn il-garaxxijiet, jgħamel ukoll il-bankina hu. Il-Kunsill ma approvax illi jgħamel din il-bankina mill-fondi tal-Kunsill.

48.4.2 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-*management* tal-marina fejn urieħ il-ħmieġ u skart li qed jitħalla barra il-marina. Il-*management* qal li ser jirranġa l-affarijiet, fosthom il-kolonni u kaxxi tad-dawl mal-gradi.

Dwar l-iskips, huma għandhom permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex ikollhom skip in-naħa tal-klabb tal-*waterpolo* u l-ieħor faċċata l-Ambaxxata tal-Olanda. Dan ifisser li hemm tlett puntuni li ma għandhomx skip viċin tagħhom u qed jarmu l-iskart fuq barra, mhux fl-iskips. Il-*management* tal-marina ser javża lis-sidien tad-dgħajjes biex jużaw l-iskips.

Huma talbu li wieħed mill-iskips tagħhom jiġi fejn dawn il-puntuni u biex issir *disabled parking bay*. Is-Sindku qal li jistgħu isiru f'daqqa, voldieri kaxxa tad-*disabled* u għal skip ma xulxin.

Dwar il-bins, oriġinarjament fuq il-*landing* tal-puntuni ikun hemm l-iskip hemm. Iżda, min naħa tal-ERA ma ħallewhomx għax inkwetaw bit-tniġġiz tal-baħar. Issa la jkollom id-dawl ukoll, daqt ikollom CCTV system, li tista tgħin fl-infurzar tal-liġi dwar ir-rimi ta' skart.

48.4.3 Waste Collection

Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li ssir ġabra żejda it-Tnejn tal-borża sewda li tiswa €125 kull nhar ta' Tnejn.

G Muscat qal li ma jaqbilx li nżidu. Imma jaqbel li jekk minflok l-Erbgħa issir it-Tnejn il-borża sewda.

Ronnie qal li jaqbel li tiżdied il-borża sewda nhar ta' Tnejn.

L Cachia Castelletti qalet li qed taraha għalja €125. Qalet li tibża li qed ngħamlu pass lura mill-edukazzjoni dwar riċiklaġġ billi nżidu l-ġabra tal-borża sewda. Hi qalet li ma taqbilx li żżid l-ġabra ta' borża sewda.

F Roe qal li jara għolja €125 u ma jaqbilx li żżid ġabra ta' borża sewda.

Is-Sindku qal li hu jemmen fil-ġbir tal-iskart organiku u la ma għandniex qbil biex inżidu ġabra ta' borża sewda, mela ħabad tajjeb li għandna l-opportunita ġdida tal-infurzar tal-liġi mas-CSD u ALE, kif ser jitkellem fil-punt li jmiss tal-aġenda ta' llum.

48.4.4 Public Cleansing

Is-Sindku propona li nużaw l-Pulizija (ALE) għal xogħol ta' sorveljanza fuq rimi ta' skart irregolari. Semma ukoll sistema ta' finanzjament mis-CSD li ser jgħinu fl-infurzar tar-rimi ta' skart. Il-Kunsill qabel li jipprova din is-sistema ġdida ta' infurzar.

Propona ukoll li tinġabar lista ta' postijiet fil-lokal li għandhom CCTV stallat, ħalli jkollna din id-*database* ħalli jekk ikollna bżonn ngħinu lil Pulizija b'din l-informazzjoni.

48.4.5 Sweeping Contract

Wara l-aħħar laqgħa, fejn konna tkellimna proposta ġdida mal-kuntrattur, għax hu jħoss ikun qed jisraqna jekk jistaqsina għal-aktar flus. Il-kuntrattur propona li l-kennies jiġi filgħodu u filgħaxija ukoll. Voldieri, ikun hemm *schedule* għal filgħaxija ukoll.
Il-Kunsill qabel li jirrivedi l-iskeda tal-knis tat-toroq.

48.4.6 **Hwejjeġ Oħra**

Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni tal-*waterpolo club* għall-mwejjed u siġġijiet fuq barra hekk kif ukoll bini ta' latrina bir-referenzi: PA/05143/16 u

PA/05145/16.

Is-Sindku wera l-inkwiet li din l-*area* kienet identifikata mill-Kunsill biex issir latrina publika. Il-Kunsill qabel li joġġezzjona għal din l-applikazzjoni, fis-sens illi t-toilets li irid jibni, jekk għandhom jinbnew ikunu pubbliċi.
Il-Kunsill qabel li niproċedu hekk kif ġej:

- Inġibu l-pjanti u narawhom sew;
- Il-Kunsill identifika dan is-sit għall-latrina publika, u diġa saru il-pjanti mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet biex issir latrina publika, ħaġa li ilha wisq tiġi mitluba min-nies li jżuru ix-Xatt;
- Il-Kunsill ma jaqbilx li din l-art tingħata għal użu msemmi mill-applikant, imma ma jsibx oġġezzjoni sakemm l-latrina mibnija tkun waħda publika u managed eventwalment mill-applikant għas-spejjes tiegħu.

Is-Sindku qal li hemm bżonn isiru 2 bozzoz ġodda fi Triq L-Imradd il-parti l-ġdida. Il-Kunsill qabel.

## 48.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

48.5.1 Is-Sindku ressaq l-iskeda ta' pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni.

Nru. 33 - Is-Sindku qal li dan il-kont għandu jiġi *refunded* mill-*insurance* tal-Kunsill.

Nru. 28 - G Muscat saqsa l-għala ġibna l-Pulizija apparti is-*security* fl-attivita' *Connecting Through Cultures.* Is-Sindku qal li s-*securities* ġew ordnati għal meta ma kienx hemm Pulizija *on duty*, voldieri matul il-lejl bħala sorvelljanza mal-apparat tal-*istage* u *sound*.
Il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet ġiet sekondata minn F Roe. Il-lista ġiet approvata u iffirmata.

## 48.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

48.6.1 Il-laqgħa intemmet 7.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 3 ta' Novembru, 2016.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| Max Zammit<br>Sindku | Matthew Dimech<br>Aġ Segretarju Eżekuttiv |